**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Ottubru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Josef Camilleri detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 346976M;**

**Omissis;**

**Ferdinando Veneziani detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-numru 182979M; u**

**Omissis;**

Kumpilazzjoni Nru. 1240/2006

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Josef Camilleri, Omissis, Ferdinando Veneziani u Omissis u cioe' talli;

Fir-rigward ta' **Josef Camilleri u Ferdinando Veneziani** talli:-
F'dawn il-Gzejjer, fl-18 ta' Novembru 2006 u fix-xhur precedenti, b' diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

Ittraffikaw persuna ta' eta' cioe bil-ghan li din il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni, b'qerq jew ingann, u billi taw jew ircievew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuna li kellhom l-kontroll fuq persuna ohra;

Fl-istess zmienijiet u cirkostanzi, bi vjolenza, b' theddid, b' qerq, bi drawwa jew ghal qliegh, biex isserhu z-ziena ta' haddiehor, hajjru persuna taht l-eta ta' wiehed u ghoxrin sena biex tigi Malta ghal skop ta' prostituzzjoni x'imkien iehor, inkella, jinkoraggixxu jew jiffacilitaw is-safar taghha minn Malta jew li hija tasal Malta ghal dak l-iskop;

Talli bhala s-sidien jew li ghandhom taht idejhom l-amministrazzjoni ta' dar jew fond 'L-Ghorfa' Triq San Nikola, Gharghur, 'SunHaven' Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, u 'Gharghur FC' li qieghed il-Gharghur, xjentement taw b' kiri, jew ippermettew l-uzu ta' dawn il-post ghal skop ta' prostituzzjoni;

U lil Omissis wahdu talli:-
F'dawn il-Gzejjer, fl-18 ta' Novembru 2006 u fix-xhur precedenti, b' diversi atti maghmulin minhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

Ittraffika persuna ta' eta' cioe bil-ghan li din il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni, b'qerq jew ingann, u billi ta jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra;

Fl-istess zmienijiet u cirkostanzi, bi vjolenza, b' theddid, b' qerq, bi drawwa jew ghal qliegh, biex isserah z-ziena ta' haddiehor, hajjar persuna taht l-eta ta' wiehed u ghoxrin sena biex tigi Malta ghal skop ta' prostituzzjoni x'imkien iehor, inkella, inkoraggixxa jew iffacilita s-safar taghha minn Malta jew li hija tasal Malta ghal dak l-iskop;

Talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni tad-dar jew fond 'Ta' Loretu House' Triq il-Bahhara, Ghajnsielem u 15 Triq il-Gnien, Ghajnsielem, xjentement ta b' kiri, jew ipermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni;

U lil Omissis wahdu talli:-
F'dawn il-Gzejjer, fl-19 ta' Novembru 2006 u fix-xhur precedenti, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

Irrenda ruhhu komplici fi ttraffikar ta' persuna ta' eta' cioe bil-ghan li din il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni, b'qerq jew ingann, u billi ta jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra;

Fl-istess zmienijiet u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici bi vjolenza, b' theddid, b' qerq, bi drawwa jew ghal qliegh, biex isserah z-ziena ta' haddiehor, hajjar persuna taht l-eta ta' wiehed u ghoxrin sena biex tigi Malta ghal skop ta' prostituzzjoni x'imkien iehor, inkella, inkoraggixxa jew iffacilita s-safar taghha minn Malta jew li hija tasal Malta ghal dak l-iskop;

U lil **Josef Camilleri, Omissis, Ferdinando Veneziani u Omissis** talli:-
Ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranin,

Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali,

U lil Omissis talli:-
talli fl-1 ta' Novembru, 2006, u sitt xhur ta qabel gewwa ix-Xlendi (Ghawdex), offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li minbarra l-pieni applikabbli tordna r-revoka tal-Licenzi kollha mahruga fuq `Gharghur FC', Gharghur;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Leila Cadri ta' nazzjonalita` Rumena u l-familja taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minnbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Marzu, 2009.[1]

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fis-seduta tal-4 t'Ottubru, 2016, l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

[1] Fol.496A

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Novembru, 2006, u fix-xhur ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-4 ta' Dicembru, 2015.

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati, l-fedina penali tal-imputati fejn dik ta' Camilleri li ghalkemm mhix wahda nadifa ma ghandhiex ghalfejn tohloq preokkupazzjoni filwaqt li dik ta' Veneziani hija wahda netta.

Illi t-trapass ta' ghaxar snin minn mindu raw il-bidu taghhom dawn il-proceduri ghandu wkoll jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena li trid tigi imposta. Tenut kont ta', *inter alia,* dawn il-fatturi din il-Qorti hi tal-fehma li llum il-gurnata, fejn jidher li l-imputati rriformaw rwiehom u qeghdin fit-triq tas-sewwa, piena karcerarja ma hijex aktar idoneja, filwaqt li jsib applikazzjoni l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 42, 48A, 83A, 209, 248A u 248B tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 2, 3, 7(1), 8, 9 u 10 tal-Kapiolu 63 ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

Inoltre' wara li rat ukoll l-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil Josef Camilleri ghal multa ta' sebat elef Euro (€7,000), u lil Ferdinando Veneziani ghal multa ta' hamest elef u hames mitt Euro (€5,500), liema ammonti ghandhom jithallsu fi zmien sentejn millum, bl-ewwel pagament ikun dovut fil-bidu ta' Dicembru, 2016. F'kaz ta' kwalunkwe nuqqas ta' hlas il-bilanc tal-ammont jigi dovut fl-intjier tieghu w jkun konvertibbli fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ghar-ragunijiet li gja saret riferenza ghalihom tichad it-talba ghar-revoka ta' licenzji kollha appartenenti lil Gharghur FC.

Kif ukoll u sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Leila Cadri u l-familja taghha, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata lir-Registratur tal-Qorti sabiex jittiehdu dawk il-provvedimenti previsiti bl-artikoli 5(2)(b) u (6) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta kif rez applikabbli bl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**